MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 70/2023 LM

**Ibrahim Ndiaye (0299224A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul minn **Ibrahim Ndiaye (0299224A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tal-14 ta' Ġunju, 2023, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], fejn iddeċieda l-imsemmi appell

fil-konfront ta' **Identity Malta Agency** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] billi ċaħdu.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. Jirriżulta li l-appellant huwa ċittadin tas-Senegal, li kien ingħata 'Protezione Speciale' taħt il-liġi Taljana.[1] Fis-6 ta' Diċembru, 2021 huwa ssottometta applikazzjoni għal permess uniku skont il-proċedura stabbilita mil-L.S. 217.17. Fit-28 ta' Jannar, 2022 l-appellata ħarġet l-'*Approval in Principle Letter*'[2], iżda fil-11 ta' April, 2022 ċaħdet l-applikazzjoni tiegħu.[3]

## Mertu

3. L-appellant appella minn din id-deċiżjoni tal-appellata quddiem il-Bord fit-13 ta' April, 2022, fejn talab sabiex id-deċiżjoni tagħha tiġi mħassra.

4. L-appellata wieġbet fl-20 ta' Ġunju, 2022, fejn issottomettiet li l-appellant għandu permess validu ta' residenza maħruġ fl-Italja, li huwa tat-tip 'PROTEZIONE SPECIALE', u għalhekk ma kienx eliġibbli hawn Malta għal permess uniku tax-xogħol *ai termini* tal-para. (h) tar-regolament 4 tal-L.S. 217.17. Issottomettiet li għalhekk id-deċiżjoni tal-appellata kellha tiġi kkonfermata.

[1] Ara kopja tal-karta tal-identità *a fol.* 65 tal-atti quddiem il-Bord.
[2] Ara kopja *a fol.* 25 tal-atti quddiem il-Bord.
[3] Ara kopja *a fol.* 50 tal-atti quddiem il-Bord.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"3.<u>Considerations</u>*
>
> *The Board notes all arguments set forward in this case and agrees with Identity Malta Agency's presentation of facts. However, the Board opines that from the start, if an applicant presents his state through an identification card, indicating 'Protezione Speciale', it should not be accepted to be processed in the first place and it is only giving hope to the applicants and creating even more work load on all the departments for nothing. Once the application was taken by Identity Malta Agency to be processed, a decision had to be issued and this Board must follow the Law and cannot allow persons to reside in Malta if the law specifically states that such persons cannot even apply! If the regulations state that the appellant could not apply, he should not have been allowed to apply in the first place.*
>
> *All the same, the Board cannot accept this appeal as the law is indeed very clear."*

**L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Ġunju, 2023, fejn qiegħed jitlob sabiex jogħġobha tħassar d-deċiżjoni appellata skont dawk il-provvedimenti li jidhrilha opportuni li għandha tagħti, sabiex l-appellant jingħata l-opportunità li jissottometti d-dokumenti mitluba minnu għall-fini tal-ħruġ tal-permess uniku. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) meta ħarġet l-*'Approval in Principle Letter'* din ħolqot aspettattiva leġittima fih; (b) il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi.

7. L-appellanta min-naħa tagħha wieġbet billi ssottomettiet li l-appell odjern għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-appellant, għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fit-tweġiba tagħha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra kwistjoni li qiegħda tqajjem l-appellanta, fejn qiegħda tikkontendi li l-appell huwa null u inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, ġaladarba l-appellant mhuwiex persuna msemmija fit-Taqsima III, għaliex la huwa ċittadin ta' Stat Membru u lanqas jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera. In sostenn tal-argument tagħha, l-appellata tagħmel riferiment għas-sentenzi ta' din il-Qorti tas-16 ta' Diċembru, 2022 fl-ismijiet **Zoran Ducic *vs.* Identity Malta Agency**, App. Nru. 103/22LM, u dik fl-ismijiet **Dragana Stoiljkovic *vs.* Identity Malta Agency,** App. Nru. 56/2022LM.

9. Il-Qorti tosserva li d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati, fit-tweġiba tiegħu għall-appell tal-appellant quddiem il-Bord, issottometta li *"[t]hat in fact Mr Ndiaye holds a valid residence permit in Italy which type of permit is 'PROTEZIONE SPECIALE'...",* u mal-imsemmija tweġiba ppreżenta kopja tal-permess in kwistjoni. Jirrizulta mill-imsemmija kopja, li dan il-permess skada fil-21 ta' Ġunju, 2023, u għaldaqstant illum l-appellant ma jgawdi minn l-ebda protezzjoni fl-Italja. Iżda fit-28 ta' Jannar, 2022 meta nħarġet l-*'Approval in Principle Letter',* dan il-permess kien għadu *in vigore*, u għalhekk kienu applikabbli fil-każ tiegħu r-Regolamenti tal-L.S. 217.17, u anki d-dritt tal-

appell tiegħu li għadu jgawdih sallum abbażi ta' dik l-ittra li tatu l-jedd li jiġi Malta għal fini ta' xogħol, iżda soġġett għal dawk ir-rekwiżiti l-oħra ta' imigrazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti tiċħad dak li qiegħed jiġi ssollevat b'mod preliminari mill-appellata, u tiddikjara l-appell ammissibbli.

10. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji li qiegħed iressaq l-appellant. Meta jibda sabiex jittratta l-ewwel aggravju tiegħu, jgħid li huwa kien ippreżenta applikazzjoni għal permess uniku *ai termini* tal-L.S. 217.17, u kif gwidat ukoll mill-appellata stess. Jgħid li din imbagħad wettqet id-diliġenza dovuta, u sabet li l-applikazzjoni tiegħu kienet skont ir-rekwiżiti legali sabiex b'hekk ħarġet l-'*Approval in Principle Letter'.* Jikkontendi li din ħolqot fih aspettattiva leġittima, u għalhekk meta huwa ppreżenta ruħu fis-17 ta' Frar, 2022 fl-uffiċċji tal-appellata, l-uffiċjal kien tenut jaċċetta d-dokumenti tiegħu li huwa kien ġie mitlub jippreżenta. L-appellant isostni li huwa prinċipju ferm assodat skont ir-*rule of law,* li l-individwu jkun jaf minn qabel il-pożizzjoni legali tiegħu permezz ta' liġijiet u regolamenti ċari, u huwa inaċċettabbli li huwa jiġi rinfaċċjat f'daqqa waħda minn kundizzjonijiet li ma setax jobsorhom, jew li lanqas ġie nfurmat dwarhom. Jispjega li kieku l-appellata kienet ċaħdet l-applikazzjoni tiegħu mill-ewwel, huwa ma kienx ikollu din l-aspettattiva leġittima li permezz tagħha huwa ġie Malta, kif saħansitra gwidat mill-istess appellata, u jidħol fi spejjeż ulterjuri. Jgħid li din l-'*Approval in Principle Letter'* kienet inħarġet bis-saħħa ta' Direttiva Ewropea li ġiet adottata fil-liġi tagħna permezz tal-L.S. 217.17. L-appellant jirrileva wkoll li min-naħa tagħha l-appellata kienet wettqet eżerċizzju ta' diliġenza dovuta, u nstab li d-dokumenti li huwa kien issottometta kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dik il-liġi, u b'hekk hija kienet ħarġet l-approvazzjoni kundizzjonata tagħha. Jgħid li huwa saħansitra ma

kien kiser l-ebda kundizzjoni mniżżla fl-*'Approval in Principle Letter',* u għalhekk l-appellata ma setgħetx targumenta li l-approvazzjoni setgħet ġiet irtirata. Dwar it-tieni aggravju, l-appellant jissottometti li l-paragrafu (h) tar-regolament 4 jindirizza grupp ta' persuni kif deskritt fl-istess paragrafu. Jargumenta li l-protezzjoni li jgawdi minnha ma ngħatatx mill-Istat Malti skont xi liġi tiegħu, jew hija r-riżultat ta' prattika tal-imsemmi Stat. Jgħid li barra minn hekk huwa mhux qed jistenna xi deċiżjoni għal protezzjoni skont il-liġi nazzjonali jew prassi, jew obbligi internazzjonali. Għal dak li jirrigwarda l-'Protezione Speciale' li ngħatat lilu mill-Istat Taljan, jgħid li din m'għandhiex tiġi meqjusa bħala ekwivalenti għall-protezzjoni skont xi obbligu internazzjonali. Huwa jgħaddi sabiex jispjega d-differenza bejn 'Protezione Temporanea' u 'Protezione Speciale', fejn jirrileva li din tal-aħħar ingħatat bis-saħħa ta' emendi fil-liġi Taljana li ġew fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru, 2020, u jiċċita l-liġi relattiva. Għalhekk ġaladarba l-'Protezione Speciale' kienet ingħatat skont il-liġi nazzjonali Taljana, u ċertament mhux bis-saħħa ta' xi obbligu internazzjonali, l-appellata ma setgħetx tiċħad l-applikazzjoni tiegħu. L-appellant jirrileva li l-L.S. 217.17 introduċiet fil-liġi Maltija l-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/98/KE tat-13 ta' Diċembru, 2011 dwar il-proċeduri għal permess uniku maħsuba għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex dawn ikunu jistgħu joqgħodu u jaħdmu fi Stat Membru u fuq id-drittijiet ta' dawk il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru. Jikkontendi li għalhekk l-appellata kienet korretta meta ħarġet l-*'Approval in Principle Letter'* fit-28 ta' Jannar, 2022, għaliex dan kien skont ir-regolament 9 tal-L.S. 217.17.

11. L-appellata tirrileva li meta l-appellant ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, huwa kien ġie nfurmat li *"mhuwiex eliġibbli biex japplika għal permess wieħed*

*tax-xogħol bil-karta tal-permess ta' residenza li ġiet provduta",* u sabiex ikun eliġibbli huwa kellu jemenda l-applikazzjoni u jaġġorna d-dokumenti kif xieraq. Filwaqt li tagħmel riferiment għall-argument tal-appellat li huwa għandu jkun jaf l-pożizzjoni legali tiegħu minn qabel permezz ta' liġijiet u ta' regolamenti ċari, tissottometti li l-liġi senjatament il-para. (h) tar-regolament 4 tal-L.S. 217.17, hija ċara meta tipprovdi li r-regolamenti li jippreskrivu l-ħruġ ta' permess uniku mhumiex applikabbli għal persuni *"li huma benefiċjarji ta' protezzjoni skont il-liġi nazzjonali jew prassi, jew obbligi internazzjonali, jew li applikaw għall-protezzjoni skont il-liġi nazzjonali jew prassi, jew obbligi internazzjonali u liema applikazzjoni għadha ma ġietx deċiża b'mod finali."* Tgħid li anki jekk l-appellant ma kienx avżat jew ma kienx konsapevoli tal-liġi, hija kienet marbuta li tiċħad l-applikazzjoni tiegħu għal permess uniku, u hawnhekk tiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju, 2023 fl-ismijiet **Direttur tar-Reġistru Pubbliku *vs.* Ahmad Aziz.** Tgħid li qatt ma seta' jinħareġ permess uniku lill-appellant jekk ma jirrinunzjax għall-istatus ta' *'Protezione Speciale'* fl-Italja. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata tiċċita d-disposizzjonijiet tal-para. (h) tar-regolament 4 tal-L.S. 217.17. Tirrileva li kif hija kienet diġà fissret quddiem il-Bord, benefiċjarji ta' protezzjoni skont il-liġi nazzjonali jistgħu jkunu ukoll benefiċjarji skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru ieħor, u hawnhekk hija tiċċita dak li jipprovdi l-para. (h) tas-subartikolu 3(2) tad-Direttiva.

12. Il-Qorti tgħid li d-deċiżjoni tal-Bord hija tajba. Il-para. (h) tar-regolament 4 tal-L.S. 217.17 jipprovdi kif ġej:

> *"4. Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' pajjiż terz:*
> ...

*h) li huma benefiċjarji ta' protezzjoni skont il-liġi nazzjonali jew prassi, jew obbligi internazzjonali, jew li applikaw għall-protezzjoni skont il-liġi nazzjonali jew prassi, jew obbligi internazzjonali u liema applikazzjoni għadha ma ġietx deċiża b'mod finali".*

13. Tikkunsidra li d-disposizzjonijiet tas-subregolament appena ċitat, huma ċari u ma jħallux lok għall-interpretazzjoni dwar l-intendiment tagħhom. Il-Qorti tagħraf li ġaladarba l-appellant kien igawdi minn protezzjoni mogħtija lilu taħt il-liġi Taljana, kif jirriżulta mill-kopja tal-permess relattiv anness mat-tweġiba tal-Aġenzija appellata quddiem il-Bord, ir-regolament suċitat iżommu milli jippreżenta applikazzjoni għal permess uniku ta' residenza u ta' xogħol f'Malta. Għalhekk l-Aġenzija appellata kienet korretta meta ddeċidiet li l-appellant ma kienx eliġibbli għal permess uniku.

14. Iżda kif sewwa wkoll irrileva l-Bord, ġaladarba l-Aġenzija appellata tirċievi karta ta' identità li turi li l-applikant igawdi minn *'Protezione Speciale'*, din m'għandhiex tiġi aċċettata sa mill-bidunett. Tikkondividi l-fehma tal-Bord li b'hekk l-applikant ma jingħatax it-tama li l-applikazzjoni tista' tiġi milqugħa, u hawnhekk il-Qorti żżid tgħid li kuntrarjament għal dak li qiegħed jargumenta l-appellant, l-applikazzjoni tiegħu ma ħolqot l-ebda aspettattiva leġittima meta l-appellata kienet għadha biss aċċettat il-preżentata tagħha, u ħarġet l-*'Approval in Principle Letter'.* Dan id-dokument għamilha ċara li l-appellant kien qiegħed jingħata l-permess li jiġi hawn Malta sabiex jaħdem, iżda soġġett għal dak li huwa rikjest għall-fini ta' immigrazzjoni, u mingħajr preġudizzju għal dak li jista' jintalab minnu mill-awtoritajiet tas-saħħa hawn Malta, ħruġ ta' visa u restrizzjonijiet oħra mposti minn dawk il-pajjiżi li huwa kien ser jivvjaġġa minnhom qabel ma jasal hawn Malta.

15. Għaldaqstant l-aggravji tal-appellant mhumiex ġustifikati, u l-Qorti tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell odjern, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**